# BORD TA' L-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 15 ta' Gunju 2001**

**Rikors numru 5/95**

**Numru 44**

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Joseph Briffa f'ismu u nominat b'digriet tad-9 ta' Marzu 1990 kuratur deputat biex jirraprezenta lil sidien incerti ta' tnejn minn disghin partijiet indivizi tal-art.**

Il-Bord,

Ra ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ippremetta illi b'ittra ufficjali tal-20 ta' Frar 1990 l-intimat gie notifikat b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li l-bicca art f'Birkirkara tal-kejl ta' sitta u hamsin metri kwadri (56mk) u l-arja ta' fuqha sa 16 il-filata mil-livell tat-triq, li tmiss mill-Lbic ma' triq pubblika mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjeta tas-Sur Joseph Briffa, hija mehtiega ghall-Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghha ghandu jkun b'xiri assolut.

Illi l-intimat gie wkoll notifikat b'avviz ghall-Ftehim fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompententi hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Birkirkara fuq imsemmija huwa ta' erba mija u sittax il-Lira maltija u erbatax il-centezmu (Lm416.14,0) ghal tmienja u tmenin minn disghin 88/90 parti u ta' disa' Liri Maltin u sitta w erbghin centezmu (Lm9.46,0) ghal tnejn minn disghin partijiet kif jidher mir-rapport tal-Perit O Caruana Montaldo A&CE tat-12 ta' Jannar 1988 li estratt tieghu huwa anness mal-avviz ghall-Ftehim.

Illi l-intimat naqas li jirrispondi ghall-ittri ufficjali fuq imsemmija fi zmien li trid il-ligi u ghalhekk accetta l-kumpens offert.

B'digriet tal-Bord tas-26 ta' Jannar, 1996 jizdied il-kliem "Illi rrizulta li 88/90 minn din l-art gja giet esproprjata u kumpensata u fadal 2/90 x'jigi esproprjat u li dan ir-rikors jirreferixxi ghal 2/90".

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat/i u b'digriet tal-Bord tas-26 ta' Jannar 1996 jizdied il-kliem "noe riferibbli ghal 2/90 tal-Art" biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera il-bicca art f'Birkirkara fuq imsemmija jiffissa kumpens relattiv kif gia' accettat

jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippublika l-att relattiv f’dik il-guranta, hin u lok li l-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijijet Pubblici (Kap.88).

Ra d-dokumenti annessi mal-atti a fol 5 sa 10.

Ra il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Novembru 1995 (Fol 11 ibid) minn fejn jidher li l-kuntratt relattiv ghal 88/90 tal-art in kwistjoni kien di gja sar.

Ra d-digriet a fol 12 u 13 tal-atti moghti fis-26 ta’ Jannar 1996.

Ra l-att publiku esebit in atti a fol 16 u markat Dok JB1.

Ra dak verbalizzat a fol 37 kif ukoll sema’ x-xhieda ta’ Dr Kevin Aquilina (a fol 28 et seq tal-atti).

Ra r-relazzjoni tal-Periti Teknici ta’ dan il-Bord liema relazzjoni giet annessa waqt is-seduta tad-9 ta’ Frar 2001.

Ikkunsidra

Illi, wara li gie stabbilit mix-xhieda tal-Avukat Dottor Kevin Aquilina illi Joseph Briffa kien gie nominat kuratur deputat biex jirrapresenta lil sidien incerti ta' tnejn minn disghin (2/90) partijiet indivizi tal-art in kwistjoni, jidher li dan l-Bord effettivament qed jintalab sabiex jistabilixxi l-kumpens xieraq vis-a-vis, l-esproprjazzjoni tal-art in kwistjoni limitatament ghall-kwota indivisa imsemmija.

Illi l-Periti Teknici stabbilew, skond il-kriterji legali applikabbli, li tali kwota indivisa, libera u franka ghandha valur ta' Lm9.46,0.

Ghaldaqstant il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u;

1. jordna lil Joseph Briffa fil-kwalita' tieghu premessa sabiex jitrasferixxi favur ir-rikorrenti, b'titolu ta' xiri assolut, bhala libera u franka, tnejn minn disghin partijiet (2/90) tal-bicca art f'Birkirkara skond kif murija fuq il-pjanta a fol 10 tal-atti liema pjanta ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

2. jiffissa l-kumpens xieraq li ghandu jithallas mir-rikorrenti lill-intimat nomine fis-somma Lm9.46,0;

3. jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku sabiex jippublika l-att relattiv fis-27 ta' Lulju 2001 fid-10.00a.m. fl-istess Dipartiment;

4. jinnomina lill-Avukat Dottor Richard Sladden bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci;

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Dep.Reg